# PATRI ADEODATU SCHEMBRI O.S.A.

Din is-sena jaħbat egħluq il-mitt sena mit-twelid ta' Patri Majjistru Adeodatu Schembri fl-Ordni Agostinjan.

Adeodatu twieled is-Siġġiewi fit-28 ta' Jannar 1889 minn Vinċenz u Karmela mwielda Debattista. Huwa ġie mgħammed bl-isem ta' Pawlu. Daħal fl-ordni Agostinjan fis-7 ta' Frar 1904 u pprofessa sempliċi fit-12 ta' Frar, 1905 ipprofessa sollenni fis-16 ta' Frar 1908. F'Settembru 1909 mar jistudja Ruma fil-Kulleġġ Internazzjonali ta' Santa Monica. Minħabba li kien marad kellu jerġa' lura Malta u kompla l-istudji tiegħu hawn Malta, sakemm seħħet l-akbar xewqa tiegħu fil-21 ta' Diċembru 1912 meta ġie ordnat saċerdot flimkien ma' tliet Siġġiwin oħra. Dun Mikiel Anġ Agius li jiġi t-tifel tas-Surmast Ġużeppi Agius (dak li kien ħalla d-dar tiegħu lis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija tas-Subien), Dun Ġużepp Aquilina (ta' Randa) u l-ex-Kappillan Dun Saver Mangion. Dawn l-erba' saċerdoti diġà ttajru għal ħdan Alla wara snin ta' xogħol appostoliku.

Wara li qaddes issokta l-istudji tiegħu u fl-1914 għamel l-eżami tal-Letterat u beda jgħallem lill-istudenti Agostinjani tar-Rabat u kien fl-istess żmien organista. Fl-1919 għamel l-eżami ta' Reġġent. Fl-1920 ġie maħtur Reġġent ta' l-Istudji, Kunsillier Provinċjali, Eżaminatur tan-Novizzi, Konfessuri u Ordinandi, Ċensur tal-Kotba, Biblijotekarju. L-istess Uffiċċji ġew imġedda fl-1923, u kien ukoll Direttur tal-Majjistru fit-Teoloġija u fl-istess ħin Pro-Reġġent. Ġie magħżul ukoll Vigarju Pirjol tar-Rabat u Definitur għall-Kapitlu Ġenerali ġie msejjaħ mill-Ġeneral il-ġdid Patri Ewtasju Esteban, biex igħallem it-Teoloġija Dommatika fil-Kulleġġ Internazzjonali ta' Santa Monica ta' Ruma. Hemm wera ħila tal-għaġeb ta' professur li kien.

Fl-1929 reġa ġie lura Malta, u ġie magħżul Eżaminatur tan-Novizzi, Konfessuri u Ordinandi, Segretarju Provinċjali, Reviżur tal-Kotba u Surmast tan-Novizzi. L-arċisqof ta' Malta ħatru eżaminatur tal-Kurja u fis-Seminarju ta' Malta u Għawdex, Ċensur tal-Kotba, Eżaminatur Presidentali, Membru tal-Kunsill u Eżaminatur fl-Università Rjali ta' Malta, u fl-aħħar Postulatur *Extra Urbem* tal-kawża tal-Beatifikazzjoni tas-Serv t'Alla, Nazju Falzon. Fl-1931 ġie magħżul Definitur tal-Kapitlu Ġenerali fejn għamel diskors dwar ir-Reliġjużi Agostinjani li mietu tul is-sitt snin ta' qabel.

Kien saċerdot u reliġjuż intelliġenti ħafna, konfessur imfittex u fuq kollox kien predikatur ta' fama kbira, u ippriedka f'Ruma fl-1921 il-Paneġierku fuq Santu Wistin, tal-Madonna taċ-Ċintura, u ta' San Nikola minn Tolentino. Fl-1933 kien mar Tuneż jippriedka lill-Maltin ta' hemmhekk. Nistgħu ngħidu li hu ppriedka fil-knejjes kollha ta' Malta u Għawdex. Fl-1933 laħaq Pirjol tal-Kunvent ta' Santa Rita, kariga li dam jokkupa sa l-1938.

Kien l-ewwel direttur tal-perjodiku *Santa Rita*. Huwa kellu attività kbira fil-Letteratura. Kiteb ħafna artikoli fis-*Scientia* u fil-perjodiku ta' *Santa Rita*, fiż-żmien li dan kien ikollu wkoll artikoli bit-Taljan ukoll. Kiteb ukoll xi poeżiji.

Għall-ħabta ta' Settembru-Ottubru marad u ddaħħal fl-isptar ta' l-Emerġenza fil-Kulleġġ San Alwiġi, B'Kara, fejn sofra marda b'rassenjazzjoni kbira. Darba fost l-oħrajn marret taraħ persuna għolja tal-Kurja bil-biljett tal-Kongregazzjoni ta' l-Isqfiejiet, li bih kien ġie magħżul biex ikun l-Isqof Awżiljarju ta' Mons. Mawru Caruana, Arċisqof ta' Malta. L-offerta ma' setgħetx tiġi aċċettata minnu għax hu miet ftit wara fil-15 ta' Ottubru 1941 fl-4pm. fl-Isptar ta' l-Emerġenza B'Kara.

Huwa kien irrikmanda biex jiġi magħżul minfloku lill-Mons. Emanuel Galea kif difatti hekk sar.

Patri Adeodatu kellu ħuh Agostinjan ukoll, Patri Vinċenz li kien miet fl-1928 fil-Kunvent ta' Santu Wistin ir-Rabat, Għawdex.



Tkun ħaġa xierqa kieku s-Siġġiwin ifakkru lil dan ħuhom billi jsemmu mqar triq għalih, biex b'hekk ma jintesiex. Patri Adeodatu li għamel daqshekk ġieħ lill-Knisja Maltija u lil raħal twelidu.

Huwa ppubblika diversi xogħlijiet fosthom dawn:

1 *Pittura di San Luca.* Trad. minn *Il-Pittura ta' San Luqa* ta' Dr Gaetano Gauci. Del Malta, 1917.
2 Żewġ Trattati fuq is-Sagramenti. L-ewwel volum 174 paġna u t-tieni volum 341 paġna.
3 *La grazia e la letta antipelagiane.* G Muscat, 1932
4 *Essenza del Peccato originale secondo la dottrina di Sant Agostino*. Fis-*Scientia*
5 Diskors. Kristu Re, li nqara fil-festa minnu nnifsu fis-sena 1935. San Ġużepp, 1935
6 *Necessità della grazia per le azioni di ordine morale.* Fis-*Scientia* 5 (1939)
7 *Il-Ħajja tal-Beata Giuliana Cornelione, Agostinjana.* Fil-perjodiku ta' *Santa Rita*, 1926
8 *Programma Disciplinarum Sacræ Doctrinæ.* San Ġużepp, 1936
9 *De Deo Uno*. Ms. Lib. Rabat.

Referenzi
Dan it-tagħrif ġie mogħti lili minn Patri Pawl M. Spiteri Agostinjan. Xi tagħrif ieħor kont qrajtu f'xi gazzetti li ħarġu matul is-sena 1989, biex ifakkru l-mitt sena mit-twelid tiegħu – Kitba ta' Patri Serafin Borg, Agostinjan.

**Joseph Schembri**